## *Ir-Rotunda f'għajnejn il-kritiċi*

# Tifħir u Kontroversji

*minn* **Dr. Sandro VELLA**
*M.D., A.T.C.L., L.T.C.L., L.R.S.M.*



**Sa** minn żmien l-aktar bikri, l-istorja ta' ġensna ntisġet u ntrabtet mal-qima tas-sopranatural, maċ-ċelebrazzjoni tal-kult, mat-tfittxija ta' dak li, lilhinn mid-djufija tiegħu, lill-bniedem seta' jagħtih it-tama u jqawwih f'mumenti iebsin. Kien f'dawn in-nitfa ta' gżejjer f'nofs ta' baħar li jbewwes l-artijiet li sawru l-benniena taċ-ċiviltà li, madwar l-3600 Q.K., inbnew l-ewwel tempji għall-qima ta' l-allat. Tabilħaqq it-tempji neolitiċi ta' l-Imnajdra, Ħaġar Qim, Hal Saflieni, ta' Ħaġrat, Ġgantija, u mkejjen oħra kienu l-ewwel għamla ta' bini wieqaf fid-dinja. Din l-imħabba lejn id-din ġriet minn ġenerazzjoni għall-oħra, għad illi t-twemmin innifsu inbidel u żviluppa mal-medda tas-snin, hekk kif dawn il-gżejjer inħakmu minn ċiviltajiet u ddakkru minn kulturi differenti. Hekk naraw kif fi żmien ir-Rumani, inbena maqdes iddedikat lil Proserpina fuq il-għolja ta' l-Imtarfa, filwaqt li f'Tas-Silġ inbena t-tempju ta' Ġuno fuq is-sit ta' tempju eqdem Feniċu ddedikat lill-alla Astarte.

Il-miġja ta' l-Appostlu tal-Ġnus, San Pawl, waqt maltempata qalila fis-sena 60 W.K., rabtet id-din ta' din il-gżira mal-Kristjaneżmu, ma' l-għarfien ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem għalina, mislub fuq salib għall-fidwa tagħna, u mqajjem rebbieħ mill-imwiet anqas minn sebgħa u għoxrin sena qabel. Il-Maltin, nies ta' "ħlewwa liema bħalha" *(Atti 28,2)* dlonk fittxew li jqimu lil Alla f'katakombi u aktar tard f'imqades xierqa. Huwa f'dan il-kuntest ta' poplu ħawtiel, reliġjuż, kburi b'dinu, u aktarx mgħallem fis-sengħa tal-bini, li wieħed għandu jħares lejn il-kappelli, knejjes, niċeċ, u kull xorta ta' arkitettura reliġjuża li bihom huma miżgħuda u mgħonija dawn il-gzejjer.



*Il-knisja tal-Mosta fis-snin ħamsin.*

Billi l-Mosta kienet qrib il-belt Rumana ta' Melite (Rabat-Mdina) u ta' port żgħir fis-Salina, l-ewwel insara Maltin jidher li kienu jgħammru biswit jew fil-limiti tal-Mosta. Dan jixhduh il-katakombi f'ta' Bistra, l-ipoġew ta' Misraħ Għonoq, dak ta' Wied il-Għasel, u l-qabar żgħir Kristjan fil-ġnien tat-Torri Kumbo. Mal-medda tas-sekli, waqt li l-gżejjer tagħna għaddew minn ġenerazzjoni għal oħra ta' ħakkiema u saltniet, il-għadd tan-nies jgħammru f'dawn l-inħawi kompla jiżdied. Fl-1436, l-Isqof Senatore de Mello, bl-approvazzjoni tal-Papa Ewġenju IV, ħatar għaxar parroċċi ġodda, fosthom in-Naxxar. Il-Mosta damet magħquda mal-matriċi tan-Naxxar għal 172 sena sħaħ. Fis-16 ta' Settembru 1608, billi l-għadd tan-nies kien qiegħed jiżdied sewwa u billi t-triq bejn il-Mosta u l-knisja parrokkjali tan-Naxxar kienet bil-wisq imħarbta, l-Isqof Tumas Gargallo, waqt żjara pastorali, fired u għażel il-parroċċa tal-Mosta mill-matriċi tan-Naxxar, bir-rieda tal-Papa Pawlu V u tas-Seda Appostolika.

***"Nagħmlu u nqiegħdu l-knisja ewlenija ta' S. Marija Imtellgħa fis-Sema, ta' l-imsemmi raħal tal-Mosta, bħala parroċċa bid-drittijiet, l-unuri, piżijiet, u dħul kollu li huma soltu jimxu mal-knisja parrokkjali."***[1]

Id-devozzjoni lejn l-Assunta ġewwa l-Mosta kienet diġà mxettla sewwa fil-qlub tal-Mostin. Fiż-żjara pastorali ta' l-1575, l-Inkwiżitur Duzina jirreferi għal knisja qadima li "minn dejjem" kienet iddedikata lill-Assunta, tant li l-kappillan tan-Naxxar kellu l-obbligu li jqaddes fiha f'jum il-festa titulari.

Wara biss sentejn mit-twaqqif tal-parroċċa, u ftit xhur mill-ħatra ta' l-ewwel kappillan Dun Ġwann Bezzina fl-1610, il-Mostin taw bidu għall-bini ta' knisja parrokkjali ġdida u akbar fuq pjanta tal-perit

Tumas Dingli u bl-approvazzjoni ta' l-Isqof D. Baldassere Cagliares. Damet tinbena erba' snin. Kellha ddum wieqfa ftit aktar minn mitejn u ħamsin sena, sakemm fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax, beda jberren il-ħsieb ta' tempju bil-wisq akbar, li jagħmel ġieħ lir-raħal u twemminu, u fuq kollox iddedikat lil Dik li, sa "minn dejjem", missirijietna qiemu u fiha ttamaw f'kull tiġrib.

## *The Malta Penny Magazine*

Fl-1839, għad illi tmiem ix-xogħol iebes fuq il-bini tar-Rotunda kien għadu snin twal 'il bogħod, dan it-tempju Marjan kien diġà beda jolqot l-għajn u jqanqal għal kitba lil kulmin għandu għal qalbu l-arti u jaf jagħti ġieħ lill-bżulija u r-reliġjożità tal-poplu tagħna. Fil-ktieb '*A Hand Book for Strangers Visiting Malta*' paġna 24, stampat fl-istess sena, H.T. Mac Gill jirreferi għall-bini ta' tempju "famuż" u kbir mill-parruċċani ambizzjużi ta' raħal żgħir, tempju li bi ġmielu jiżboq lil bini fl-Italja, Franza u l-Ingilterra.

Żewġ ħarġiet konsekuttivi tal-'*Malta Penny Magazine*' - ħarġa numru 98 tas-Sibt 24 ta' Lulju 1841, u dik numru 99 tas-Sibt 31 ta' Lulju ta' l-istess sena, nistgħu ngħidu illi huma ddominati minn artiklu estensiv miktub bl-Ingliż fuq il-"Knisja Kolossali tal-Mosta" *("Colossal Church of Musta")*. L-artiklu jibda biex jirreferi għall-kontroversja li nqalgħet dwar l-għamla tonda tal-knisja. Il-Kappillan Dun Feliċ Calleja, li kien tela' jistudja Ruma madwar is-sena 1780, kien issaħħar wisq bil-Panteon, wieħed mill-egħġubijiet ta' Ruma, maħsub mill-Imperatur Adrijanu u mibni minn Dekrijanu bejn is-sena 120 u 124 W.K. b'omaġġ lil alla Ruman Agrippa. Fih kien qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu u ħolom u xtaq li jibni tempju li jixbħu fil-kobor u l-għamla f'art twelidu.


*L-Arkitett u Inġinier Ġorġ Grognet de Vassè*

Il-ħolma tiegħu setgħet isseħħ meta wara ħames snin kappillan tal-parroċċa ta' Ħal-Balzan (1792-1797), inħatar kappillan tal-Mosta fl-1797. L-awtur jgħidilna li din il-ħolma ftit sabet appoġġ barra l-Mosta l-aktar fost l-awtoritajiet ekkleżjastiċi aktarx wisq konservattivi Maltin. Ħafna kienu tal-fehma li tempju ta' għamla tonda kien aktar jixraq lil xi maqdes pagan milli lil knisja Kristjana. L-artikolista James Richardson jidher li kellu simpatija mal-kappillan Calleja, mal-perit Ġorġ Grognet de Vassè, u l-kampanjoli Mostin. Fil-fehma tiegħu, dan l-inkwiet seta' kien biss frott ta' injoranza jew ta' xi preġudizzji *("prejudice or ignorance")*. Barra minn hekk, ikompli jgħidilna li l-isqof ta' Malta qatt ma' messu ndaħal fix-xewqa tal-kappillan Calleja u fil-mod kif xtaq jiddisponi minn ġidu. B'xorti tajba, il-Mostin ta' dak iż-żmien sabu xortihom mal-Gvernatur Sir Frederick Cavendish Ponsonby, li wara li fela l-pjanti ta' l-arkitett, bl-għajnuna ta' kummissjoni maħtura apposta, ma damx ma' ħareġ il-permessi meħtieġa fi Frar ta' l-1833.

L-artikolista jagħtina deskrizzjoni sabiħa taċ-ċerimonja kommoventi tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla li seħħet nhar it-30 ta' Mejju 1833 taħt il-patroċinju tal-Vigarju Ġenerali, il-Kanonku Arċidjaknu Dr. D. Salvatore Lanzon. Dan intbagħat bħala delegat ta' l-Isqof Caruana, li skond l-artikolista, kien indispost. Jgħidilna li kien temp bnazzi. Folol ta' nies, kemm Mostin kif ukoll dawk minn irħula qrib, ħonqu kull rokna tal-misraħ żgħir tar-raħal. Il-Gvernatur Ponsonby attenda hu ukoll, flimkien ma' l-ogħla awtoritajiet ċivili, biex jagħti kull appoġġ lill-Mostin.

Fis-sena 1841, is-sena li fih inkitbu dawn iż-żewġ artikli, iż-żewġ kampnari tar-Rotunda kienu diġà nbnew, u l-knisja nnifisha kienet laħqet it-terz ta' l-għoli ppjanat. L-awtur jenfasizza l-kobor ta' dan il-proġett, bini li meta lest kellu jsaħħar lil kulmin iħares lejh, u jsebbaħ il-pajsaġġ ta' din il-gżira. Jirreferi għal xi tibdil li sar fil-pjanti oriġinali tal-bini, fosthom dawk tal-portiku. Skond l-awtur, dan kellu jtul il-wisa' kollu tal-faċċata tal-knisja iżda ġie mmodifikat kif nafuh illum, għal xi raġunijet ekonomiċi. Jisħaq li d-disinn kif modifikat u b'kolonni ta' l-ordni Joniku kien xorta waħda wieħed "effettiv". B'dispjaċir jinnota li kien hemm xi ħsieb illi n-numru ta' twieqi fit-tanbur tar-Rotunda jitnaqqas mis-sittax li ppjanta Grognet u li naraw illum għal tmienja. Dan minħabba l-biża' li numru akbar ta' twieqi ddgħajjef it-tanbur, u allura l-koppla li kellha tinbena fuqu. Iżda bla dubju, iż-żmien ta kull raġun lil Grognet.

L-artikolista James Richardson iqabbel id-dimensjonijiet tal-Panteon u tar-Rotunda. Hekk ngħidu aħna, id-dijametru tar-Rotunda nkluż il-ħxuna tal-ħitan huwa daqs dak tat-tempju Ruman. Il-ħxuna tal-bini li fuqu huwa mibni t-tanbur tar-Rotunda huwa akbar minn dak tal-Panteon. Dan iċekken id-dijametru tar-Rotunda minn ġewwa. B'kuntrast mal-Panteon, l-għoli tat-tempju Mosti huwa akbar mill-wisa' tiegħu.

L-awtur jirreferi kemm-il darba għall-ħeġġa tal-Mostin, fqar materjalment iżda għonja fl-ispirtu u l-fidi. It-30,000 skud [2] mħollija mill-Kappillan Calleja wara mewtu, għad li swew mitqlu deheb, ma kienux iwasslu l-bini għal aktar minn kwart l-għoli ppjanat. Uffiċjali militari Ingliżi għenu mill-aħjar li setgħu. Il-faqar kont tmissu b'idejk u tarah b'għajnejk. Ftit qabel ma nbeda x-xogħol fuq ir-Rotunda kienu mietu erbgħa persuni bil-ġuħ fir-raħal. Fil-lista tat-tallaba, il-Mostin kienu l-ewwel nies. Dawk li kienu rekknu xi ħaġa ftaqru biex ħallew ġidhom f'ħajjithom jew wara mewthom għal dan il-proġett. Tista' tgħid kulħadd, saħansitra min ma kellux

għixja ta' lejla medd idejh, ukoll fil-ħdud u l-festi fil-bini tal-fabbrika. James Richardson ifakkarna li, kieku ma kienx għal volontarjat, ix-xogħol ma kienx jimxi daqshekk 'il quddiem fi żmien relattivament qasir.

***"The advancement of the church to its present state may in a great measure be attributed to these labours of the Sabbath."***

Tassew, missirijietna għexu l-motto ta' raħalhom "***Spes Alit Ruricolam***" li tfisser "il-bidwi jgħix bit-tama". Kienet it-tama fihom infushom, f'Alla u f'Ommhom tas-Sema li waslithom jagħtu bidu u jwasslu fit-tmiem proġett ta' dan il-kobor.

L-awtur itemm l-artiklu tiegħu billi jawgura suċċess lil Grognet u lill-Mostin f'dan il-proġett "nobbli". Jagħmel referenza għar-rivalità parrokkjali ta' dak iż-żmien, partikolarment bejn il-Mostin u l-ġirien Naxxarin, u jbassar li kien qorob sew iż-żmien li l-Mostin ikollhom tassew biex jiftaħru.

## Artikli Oħra

L-artiklu tas-Sur James Richardson fil-*Malta Penny Magazine* kien biss wieħed minn sensiela ta' referenzi għar-Rotunda f'kotba, rivisti u ġurnali tas-snin l-imgħoddija. Fil-ktieb tiegħu '*Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo*', Achille Ferris ukoll jagħti ħarsa pjuttost estensiva lejn ir-Rotunda u l-bini tagħha. Interessanti l-fatt li qabel twebbel bir-Rotunda, il-Kappillan Dun Feliċ Calleja kien diġà ħalla ġidu b'testment, magħmul għand in-nutar Chetcuti, lill-isptar ta' Santu Spirtu fir-Rabat. Bl-iżviluppi li seħħew mal-ħatra tiegħu bħala kappillan fil-Mosta, dlonk tħabat ħafna u rnexxielu jibdel dan it-testment ma' testment ieħor li jġib id-data ta' l-20 ta' Jannar 1833. Dan l-aħħar testment, irreġistrat fl-atti ta' l-istess nutar Chetcuti kien jiggarantixxi dħul ta' 16,000 skud'[3] b'risq il-fabbrika tal-knisja. Il-Kappillan suċċessur Dun Gio-Maria Schembri ukoll ħabrek kemm felaħ bl-istess għan. Ferris ifakkarna kif Schembri ħalla Malta fi triqtu lejn Ruma nhar it-28 ta' Ottubru 1841. Ma ġiex lura b'idejh battala. Bolla maħruġa mill-Papa Girgor XVI ordnat lill-Isqof Mons. Publio dei Conti Sant joħroġ somma ta' 3,000 skud fis-sena għal għaxar snin konsekuttivi b'risq il-fabbrika tal-knisja.



*Il-Kappillan Mosti Dun Gio Maria Schembri, (is-suċċessur ta' Dun Feliċ Calleja) li fi żmienu nbniet ir-Rotunda, iżda ma laħaqx ra jintemm ix-xogħol tal-bini.*

Il-kappillan innifsu, bħal ta' qablu wkoll ħalla tista' tgħid ġidu kollu b'risq dan il-proġett, li kellu jwasslu kważi sat-tmiem qabel miet fit-28 ta' Settembru 1859. Ta' min isemmi l-kontribut tas-saċerdot Dun Emmanuele Barbara li ħalla 1,640 skud b'risq il-knisja l-ġdida. Donnu li l-ħeġġa tal- Mostin kienet bla limitu. Mill-ġdid Ferris jikteb kif ma' tmiem il-bini tar-Rotunda, b'għaġeb ta' kulħadd, missirijietna ħattew il-knisja issa qadima ta' Dingli fi tmint'ijiem biss. Dan seħħ bejn Sibt il-Karnival nhar it-18 ta' Frar 1860 u l-ewwel Ħadd tar- Randan nhar is-26 ta' l-istess xahar. Ir-Rotunda tbierket jumejn qabel il-bidu ta' dan it-twaqqiegħ, jiġifieri fis-16 ta' Frar mill- kappillan Dun Antonio Mallia. Fl-istess jum tqaddset ukoll l-ewwel quddiesa fuq l-altar tal-kor mir-Rev. Dr. Dun Mikelanġ Mifsud. Anqas minn xahar wara, jiġifieri fil-11 ta' Marzu, l-Isqof Gaetano Pace Forno ntona'*Te Deum* f'dan it-tempju għażiż, b'radd ta' ħajr lil Alla, li fih jibda u jintemm kull ġid.

F'artiklu fil-"*Catholic Times*" tal-11 t'April 1913, intitolat "***La Rotunda della Mosta e I Frammasoni***", is-suldat kattoliku u kittieb magħruf Sir William Butler jistieden lill-frammażuni biex jieħdu l-eżempju tal-kampanjoli Mostin u jagħmlu f'ħajjithom "ħwejjeġ għall-imħabba t'Alla". Quintana, f'"*Guida dell'Isola di Malta*"(1842) mill-ġdid ifakkarna kif dan it-tempju ta' madwar mitejn pied għoli kellu jkun jidher mill-inħawi kollha għoljin ta' gżiritna. Skond il-"*Catholic Encyclopedia*" Volume IX (1910) il-knisja parrokkjali tal-Mosta għandha koppla li tgħodd "it-tielet l-akbar fid-dinja". Diversi kotba dwar Malta maħruġa lejn l-aħħar tas-seklu dsatax (N. Zammit: "*Historical Guide to Malta and Gozo*" (1879); Rev. G. N. Godwin: "*A Guide to the Maltese Islands*" (1880); Critien "*Guide to Malta*" (1888); G. H. Evans" "*A Guide to Malta and Gozo*") jistiednu lil kulmin iżur lil gżiritna biex jasal wasla sal-Mosta, biex jitpaxxa bil-"Panteon ta' Malta" b'"koppla manifika".

## Il-Kritika ta' Fergusson

B'kuntrast ma' tant tifħir minn awturi Maltin u barranin, l-arkitett James Fergusson xejn ma kien kumplimentuż ma' missirijietna, il-knisja li bnew u il-bravu arkitett li ħażżha. Fil-ktieb tiegħu "*History of the Modern Styles of Architecture*", iqis lir-Rotunda tagħna bħala eżempju ta' bini mimli żbalji fil-grammatika ta' l-arkitettura. Sostna li, bħal fil-każ ta' ħafna bini famuż fl-Ewropa, fosthom il-kattidral ta' Bologna, ir-Rotunda ta' Malta xejn ma kien fiha mertu arkitettoniku. Saħansitra azzarda jgħid li l-veru arkitett tal-maqdes ma kienx Ġorġ Grognet iżda l-bennej Mastr'Anġ Gatt. Għad li, skond hu, ta' l-ewwel għamel



*Il-bennej miż-Żejtun Mastr'Anġ Gatt, li verament wera ħila kbira bil-bini tar-Rotunda, l-aktar fix-xogħol tal-koppla.*



*Dettalji mill-ħafna disinji li Ġorġ Grognet ħejja għar-Rotunda.*



*Waħda mid-disinji mħejjija minn Ġorġ Grognet de Vassè għar-rotunda. (mill-ktieb 'Grognet Confuta Fergusson' miktub minn Dun Edgar Salamone - 1910).*



*Disinn ta' l-Arkitett Grognet għall-gwarniċun (qabel tibda l-koppla u 'l fuq mit-twieqi).*
*(ritratti: Joseph A. Vella FRPS, EFIAP, ESFIAP)*

id-disinn oriġinali, kien Mastr'Anġ dak li mexxa l-proġett tal-bini, l-aktar ix-xogħol fuq il-koppla.

***"The real architect of the building was the village mason Angelo Gatt.." "Gatt and his brother masons ... were following drawings selected from books by Grognet or someone else." "Had the designers of this building only got a learned architect to look over their design."***

Lil Anġlu Gatt isejjaħlu għaqli u bennej b'"ħila ta' l-għaġeb", l-aktar meta wieħed iqis li dan il-bniedem kien illitterat. Isemmi kif, fil-ħeġġa tiegħu li jara l-bini mitmum, Anġlu Gatt kien jikkuntenta ruħu bi ħlas żgħir (disa' rbgħajja kuljum għal għoxrin sena u wara żewġ xelini kuljum).

L-istil tal-knisja, u l-aktar l-ornament li bih hi mgħonija, xejn ma laqtu lil dan l-arkitett Skoċċiż, forsi għax mhix mibnija fi stil klassiku safi. Ammetta li l-koppla, fil-kobor tagħha, kienet it-tielet fost il-koppli nsara ta' l-Ewropa. Iżda skond hu, sbuħitha ġiet imxellfa minn stil mhux floku li ħadd mir-raħħala ma seta' jifhmu. Wieħed m'għandux jistagħġeb wisq b'dawn il-ħsibijiet inġusti saħansitra mitbugħa fuq ktieb, l-aktar meta tikkunsidra li l-istess Fergusson kiteb ukoll b'mod dispreġġjattiv fuq il-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma. Din l-akbar knisja tal-Kristjaneżmu, kapulavur ta' l-arti barokka jsejħilha "ħrafa ta' l-arti". Ma' Fergusson qabel arkitett ieħor jismu E. Ingress Bell. Ta' l-anqas iżda, ir-Rotunda sabet difiża tajba minn idejn arkitett ieħor jismu Arthur S. Flower, li waqt laqgħa ġenerali tal-*Royal Insitute of British Architects* ta ġieħ lil Grognet bħala arkitett tar-Rotunda u lil Gatt bħala prim bennej.

Iżda mill-ktieb ta' Fergusson nistgħu wkoll naqħmlu xi konklużjonijiet. Bir-raġunar tal-Professur Arkitett Robert Kerr, editur tax-xogħol ta' Fergusson, il-mertu arkitettoniku tal-koppla ta' Grognet huwa kbir, għax hija koppla ta' "integrità strutturali". Dan għaliex, ngħidu aħna, il-koppla ta' San Pawl f'Londra hija magħmula minn tliet koppli, waħda ġewwa l-oħra mibnija fuq qafas, bil-koppla ta' barra magħmula mill-injam miksi biċ-ċomb filwaqt li l-koppla tar-Rotunda hija mibnija ħaġa waħda b'ħaġar naturali (il-ġebla Maltija). Ta' min jgħid li l-koppla tal-Panteon hi magħmula mill-konkrit.

Fi żmienna, fil-ktieb tiegħu "*5000 Years of Architecture in Malta*", Leonard Mahoney janalizza il-kontroversji u l-kritika inġusta li semmejna. Isostni li biex nifhmu l-istil uniku tar-Rotunda jeħtieġ li nifhmu l-karattru tal-perit li ħażżha. Ġorġ Grognet kien bniedem kolt u ambizzjuż; minbarra perit u inġinier, kien ukoll arkeologu u awtur ta' xogħlijiet xjentifiċi, letterarji u artistiċi. Kien ifittex li jħallat elementi Griegi u Rumani fl-arkitettura ma' elementi aktar individwali maħluqin minnu stess u oħrajn aktar tradizzjonali fl-arkitettura Maltija. B'hekk ried joħloq stil ġdid ta' arkitettura, stil li kien fi ħsiebu jispjega fi ktieb li kellu jippubblika aktar 'il quddiem. Kien għalhekk li ħoloq portiku magħmul

minn kolonni Joniċi iżda ta' proporzjon Grieg, b'kapitelli mmodifikati skond il-gosti tiegħu. Fi kliem Mahoney, fir-Rotunda, Grognet ħoloq struttura mill-aktar dinamika, kif rifless, ngħidu aħna, fl-iskema stupenda ta' rużuni u kwadretti ta' qisien differenti, li jiċkienu minn isfel għal fuq, u li ġew skolpiti b'tant sena u preċiżjoni fil-koppla minn ġewwa. Ir-Rotunda hija struttura mill-aktar imdawla. Tassew, meta wieħed iħares 'il fuq lejn il-lanterna minn ġewwa, donnu dlonk jinħakem minn dellirju ta' ferħ.

***"One feels an infinite sense of enjoyment that only great architecture can give."***

Mela, mhux ta' b'xejn li r-Rotunda, mibnija fuq stil uniku ta' arkitettura skond ideat personali tal-perit tagħha, kellha toħloq il-kontroversji. F'pajjiżna u fil-Mosta, il-kritika ta' Fergusson jidher li qajmet reazzjoni qawwija. Lis-saċerdot maħbub Mosti Dun Edgar Salomone,[4] jidher li tagħtu ġewwa wisq. Fil-ktieb tiegħu "*Musta, its Memories and Charms*", mitbugħ fl-1910, f'paġna 23, jgħidilna hekk:

*"Contrary to a Modern Historian's opinion: the WHOLE church was raised UNDER THE PERSONAL WHOLE HEARTED, not to add, and AT TIMES HEROIC SUPERVISION OF GROGNET"*

Ta' min jgħid li Grognet kien marbut b'kuntratt li bih ma setgħax iħalli l-Mosta għal aktar minn ġimgħa fix-xahar, u kellu jagħmel id-disinji u l-mudelli kollha meħtieġa għall-imgħallmin tal-bini. Dun Edgar Salomone jfakkarna kif l-isforzi ta' Grognet ġew saħansitra rikonoxxuti mill-gvern Ingliż, li ħariġlu pensjoni speċjali ta' madwar mitt lira Sterlina fis-sena. Dan seħħ f'Ġunju ta' l-1862, jiġifieri madwar sentejn minn tmiem il-bini tar-Rotunda. Dam igawdi din is-somma inqas minn tliet xhur, għax il-perit maħbub ħalla dan il-wied ta' dmugħ fil-ħamsa ta' Settembru ta' l-istess sena.

Fl-istess sena li ppubblika l-ktieb li semmejna dwar ir-raħal u l-istorja tal-Mosta, jiġifieri fl-1910, dan is-saċerdot ħareġ ktieb ieħor intitolat "*Grognet Confuta Fergusson*" bl-istess għan - li jidfen darba għal dejjem l-għajdut li Grognet ma kienx il-veru arkitett tar-Rotunda. Ippubblika tliet dokumenti. Fi studju analitiku li jġib id-data tat-18 ta' Jannar 1833, u li kien ippreżentat lill-kummissjoni ta' erba' esperti ċivili u militari maħtura mill-gvernatur Ponsonby, Grognet jgħid li kien ħassu onorat bit-talba li kien għamillu l-poplu Mosti biex jiddisinja u jibni tempju ta' għamla tonda li jixbaħ lill-Panteon.

***"Io sottoscritto Architetto - Ingegnere essendo stato pregato dai Signori Deputati di Casal Musta, e da loro onorato sommamente per l'incombenza, datami di eriggere dai fondamenti il loro Tempio principale ... ... costruire una chiesa Rotonda simile a presso a poco sì in forma come in ampiezza al Panteon Romano."***

Grognet ikompli jispjega kif, bl-istudji dettaljati tiegħu fuq is-saħħa tal-ġebla Maltija, ikkalkulata b'mod xjentifiku, il-proġett tar-Rotunda kien wieħed vijabbli. Jingħad li din kienet l-ewwel darba li perit Malti ħejja studju ta' din ix-xorta.

Grognet itemm l-istudju tiegħu billi jiġġustifika l-fehma tiegħu li tempju ta' l-għamla proposta minnu kien l-aħjar fiċ-ċirkustanzi. Dan għal mhux anqas minn sitt raġunijiet. Barra milli jippermetti li l-maqdes il-ġdid jinbena madwar il-knisja l-qadima, din ta' l-aħħar setgħet isservi bħala armar fil-bini tar-Rotunda. Il-maqdes il-ġdid kien joffri mkien kbir biżżejjed għall-popolazzjoni kollha tar-raħal.[5] Ma kienx hemm il-ħtieġa li jintmessu l-oqbra tal-vittmi tal-pesta, li fuqhom kienet mibnija l-knisja eżistenti. L-ispejjeż setgħu wkoll jitnaqqsu fosthom għaliex dan it-tempju ma kellux pilastri f'nofs il-qiegħa tiegħu. Iżda fuq kollox, l-għamla unika tar-Rotunda kienet tagħżilha minn kull maqdes ieħor ta' gżiritna.

***"Infine, perchè in tal maniero si otterrà una gran bellezza e singolarità, ma sopra tutto una varietà desiderattisima in Malta, dove tutte quasi le Chiese capiate sono servilmente l'una dall' altra."***

Iżda bla dubju, l-aktar dokument konvinċenti li jippubblika Dun Edgar Salomone hija ittra miktuba mill-arkitett *"Ai Signori Deputati Venerattissimi"* tal-Mosta, fl-għodwa ta' l-Erbgħa, 12 ta' Marzu 1834. Inkitbet minn perit li kien kburi għall-aħħar bl-opra li kien qiegħed jibni u li kienet diġà għamlet lir-raħal imsemmi ma' kullimkien: ***"Una fabbrica che ha già reso celebre il vostro casale."***

Kien wisq sorpriż u ddiżappuntat *("sorpresa dispiacevolissima")* b'xi tibdil li twettaq bla miftieħem fil-bieb ewlieni tar-Rotunda. Dan seħħ meta hu nnifsu kellu jħalli l-lant tax-xogħol għal xi jiem minħabba impenji oħra. Fl-ittra sostna li għad li kien ħalla għall-għażla tal-bennejja



*Dehra tar-Rotunda mill-ajru.*

u l-poplu żewġ disinji differenti fi stil adatt, dan il-bieb ingħata xeħta barokka, stil li xejn ma' kien jogħġob lil Grognet, għax isejjaħlu *"del piu corrotto gusto Borominesco!"*. L-awtorità ta' Grognet toħroġ fid-deher meta wasal biex għamel kundizzjoni iebsa iżda ċara lill-poplu Mosti, jiġifieri li jekk fi żmien tlett ijiem ma jwiegħdux lealtà assoluta lejn il-pjanti tiegħu, ma kienx lest ikompli jmexxi l-proġett. Grognet ma kienx lest iħalli lil min iħassar is-sbuħija ta' dan it-tempju hekk sabiħ, u li kien diġà sewa ħafna flus, *("bello e costoso edificio")* mibni fuq stil ta' arkitettura li jsejħilha "safja" *("Quella pura Teoria dell'Architettura")*. Nisthajjel li l-Mostin ma damux ma wieġbuh u ħattew il-bieb li kienu bnew. Kif xtaq, Grognet baqa' jmexxi l-opra tiegħu sat-tmiem.

Minkejja kollox, Leonard Mahoney isostni li r-Rotunda tal-Mosta tibqa' l-uniku għamla ta' bini ta' stil neo-klassiku li serqet il-qalb tal-poplu Malti, poplu wisq aktar imdorri japprezza l-barokk. Fi kliem il-perit Michael Ellul, fl-artiklu tiegħu "L-Arkitettura - Xhieda ta' Identità Nazzjonali", ir-Rotunda hija "opra imponenti ta' inġinerija, u hija eżempju ieħor ċar tal-possibilitajiet tal-ġebla lokali għall-bini ta' strutturi kbar." Iżda bħal donnu kif jgħid il-Malti, "ebda warda bla xewka". Ellul, bħal ħafna, huwa tal-fehma li "hija tassew ħasra li biex inbniet il-knisja l-ġdida tal-Mosta kellha titwaqqa' dik oriġinali ta' Tommaso Dingli".

## Monument ta' Imħabba

Lilhinn minn kull kontroversja u kritika arkitettonika, ir-Rotunda tal-Mosta tibqa' monument dejjiemi ta' qima lil Alla u devozzjoni singulari lejn il-Verġni Assunta. Hija frott l-għaraq ta' dawk li f'ħajjithom talbu u ħassew il-protezzjoni Ċelesti tal-Madonna. Dan il-monument ta' imħabba juri tassew fejn kienet u għadha tħabbat il-qalb ta' kull Mosti u Mostija. Mhux ta' b'xejn li Grognet mar jagħmel kitba mill-isbaħ fuq il-friż ta' fuq il-portiku:

***"VIRGINI · SYDERIBVS · RESTITVTAE · T · H · MVSTENSES · FF · AS · MCMM · LVII ·"***

li tfisser 'Lill-Verġni Mtellgħa fis-Sema dan it-Tempju l-Mostin bnew fl-1857."

It-tisbiħ ta' dan il-maqdes b'tant opri imprezzabbli, l-inkurunazzjoni ta' l-ixbieha ta' l-Assunta fil-kwadru titulari nhar l-10 t'Awwissu 1975 b'awtorità tal-Papa Pawlu VI, u t-tqegħid ta' stellarju tad-deheb u ħaġar prezzjuż madwar ras il-Madonna fl-istess xbieha fis-sena tal-Ġublew il-Kbir 2000 huma biss tlieta minn ħafna aktar sinjali li jixhdu din ir-rabta soda ta' imħabba Marjana.



*Xena tal-portiku tar-Rotunda – bilfors tammira l-ħila arkitettonika ta' l-Arkitett Grognet u tal-bennej A. Gatt. (ritratt: Joseph A. Vella FRPS, EFIAP, ESFIAP)*

Mhux ta' b'xejn li ta' kull sena, nhar il-15 t'Awwissu, kull Mosti u Mostija, għajnejhom ileqqu bi dmugħ ta' ferħ fit-tempju għażiż tagħha, iħossuhom iridu jingħaqdu ma' l-awtur ta' l-Akathistos [6] biex jgħannu għanja ta' tifħir lil Dik li l-Mulej għamel magħha "ħwejjeġ kbar" (Lq 1,49). Ma' dan l-awtur, minn qiegħ qalbhom itennulha:

*"Ifraħ, int il-ġuf li fih tlaħħam Alla nnifsu;*
*Ifraħ, int il-fiduċja ta' min ifittxek fis-skiet;*
*Ifraħ, int l-inċens tat-talb milqugħ minn Alla;*
*Ifraħ, int ta' kollha kemm huma l-ġenerazzjoniet il-ferħ;*
*Ifraħ, int il-muftieħ għas-saltna ta' Kristu;*
*Ifraħ, int il-qaddisa fost il-qaddisin;*
*Ifraħ, Għarusa u Verġni."*

---

**Noti:**

1. Din hija silta mid-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa tal-Mosta, iffirmat mill-Isqof Tumas Gargallo, kif tradott bil-Malti mis-Sur Michael A. Sant fil-ktieb tiegħu "Il-Mosta Fiż-Żmien il-Ħakma tal-Kavallieri ta' San Gwann" - pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, 1996. F'dik il-ħabta, il-Mosta kellha mija u tmenin dar u popolazzjoni ta' disa' mitt ruħ.
2. Skond James Richardson, Dun Feliċ Calleja ħalla s-somma ta' 30,000 skud b'risq il-fabbrika tal-Knisja. Kemm Achille Ferris kif

ukoll Dun Edgar Salomone, fil-ktieb tiegħu "Musta, its Memories and Charms", jikkwotaw is-somma ta' 16,000 skud filwaqt li fil-ktieb "Grognet confuta Fergusson," Salomone jikkwota dik ta' 30.000. Fl-artiklu "Mosta through the Ages" miktub minn Michael A. Sant, fil-ktieb "Mosta, the Heart of Malta", is-somma tammonta għal 8,423 skud, waqt li fl-artiklu ta' Dennis de Lucca u Hermann Bonnici ntitolat "Urban development in Mosta" ppubblikat fl-istess ktieb, is-somma msemmija hija ta' madwar 26,000 skud.

3. Ibid.
4. Għad li twieled ġewwa H'Attard, Mons. Edgar Salomone trabba fil-Mosta, fejn qaddes l-ewwel Quddiesa tiegħu nhar l-ewwel Ħadd ta' Jannar 1909. Kien direttur u superjur ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù, kif ukoll il-promotur u fundatur ta' l-Iskawts ġewwa l-Mosta. Bid-dritt kollu, Mons. Edgar Salomone nistgħu nsejħulu patrijott Mosti, li ħabb tassew lil dan ir-raħal, niesu u l-maqdes tiegħu.
5. Fl-1806, il-popolazzjoni tar-raħal kienet tgħodd 3,003 ruħ filwaqt li fl-1861 kienet tgħodd 3,828.
6. L-'Akathistos' huwa innu liturġiku Biżantin f'ġieħ il-Verġni Marija Omm Alla miktub minn awtur mhux magħruf bejn l-aħħar nofs tas-seklu V u l-bidu tas-seklu VI. Fih xejn anqas minn 144 akklamazzjoni lil Marija, u jintuża mill-knejjes Biżantini ta' kull ilsien, Kattoliċi u Ortodossi kif ukoll fil-Knisja tal-Punent.

***Referenzi:***


- Rev. Edgar Salomone*: Musta - Its Memories and Charms (Rochdale, 1910)*
- Rev. Edgar Salomone*: Grognet Confuta Fergusson (1910)*
- Salomone Edgar G*: Rotunda della Musta: Relazione architettonica del Grognet (sic): documenti editi da Edgard Salomone*
- Achille Ferris*: Descrizione delle chiese di Malta e Gozo (Malta 1866)*
- Fergusson James*: History of Modern Styles of Architecture Vol 1, 3rd Edition (1891)*
- *The Malta Penny Magazine: Ħargiet Nru. 98 u 99*
- Michael A. Sant*: Mosta Through the Ages: Mosta, The Heart of Malta (Midsea Publications/Vassallo Builders Group, 1996)*
- Dennis De Lucca, Hermann Bonnici*: Urban Development in Mosta: Mosta, The Heart of Malta (Midsea Publications/Vassallo Builders Group, 1996)*
- Michael Ellul*: L-Arkitettura: Xhieda ta' l-Identità Nazzjonali: Kungress Nazzjonali, l-Identità Kulturali ta' Malta (Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1989)*
- E.B. Vella*: Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha miġbura minn E.B. Vella u oħrajn (1972 ie 1986)*
- Leonard Mahoney*: 5000 Years of Architecture in Malta (Valletta Publishing, 1996)*
- Michael A. Sant*: Il-Mosta fiż-Żmien il-Kavallieri ta' San Gwann (Pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali Mosta, 1996)*
- Dun Karm Sant*: Akathistos: Innu Liturġiku Biżantin f'ġieħ il-Verġni Marija, Omm Alla, miġjub bil-Malti mill-Monsinjur Professur Dun Karm Sant (1990).*



OLYMPIC
BAR & RESTAURANT
TAX-XUFI
**47 Constitution Street, Mosta Tel: 21 432067**
***Jawguraw l-Festa t-Tajba***
***lil kulħadd***